

# Maestro Gioacchino Micallef [1]

minn
Dr Raymond Mangion B.A.(Hons.), M.A.(History), LL.D., D.Phil (Oxon).

L-Għaqda Mużikali Sant'Elena hjia soċjeta' filarmonika ta' storja, suċċessi, qawwa, determinazzjoni u supremazija. Hija twaqqfet minn tlett irġiel ferm ħabrieka u diliġenti li kienu s-sur Nazju Sammut, is-sur Gianni Grech Duca kif ukoll is-sur Ġammri Grima fis-sena 1919. L-Għaqda kellha dlonk l-ewwel sede u ġemgħa sabiħa ta' membri kif ukoll banda formidabbli taħt it-tmexxija għaqlija tas-Surmast Direttur Maestro Ferdinando Camilleri, li minħabba l-impenji tiegħu kellu jċedi l-bakketta. Infatti, l-Għaqda kellha minnufih u fost ta' l-ewwel bħala Surmast Direttur lil Maestro Gioacchino Micallef.



MRO.GIOACCHINO.MICALLEF

L-ebda storiku, bijografu jew riċerkatur ma fittex li jitfa' dawl u jippublika tagħrif fuq Maestro Gioacchino Micallef forsi għaliex is-sehem u l-kontribut tiegħu fil-qasam mużikali tal-baned ċivili f'Malta kien żgħir u qasir. Huwa magħruf li Maestro Gioacchino Micallef kien imdaħħal biss fit-treġija ta' żewġ baned f'Malta li kienu l-Għaqda Mużikali Sant'Elena u l-Għaqda Mużikali San Gejtanu tal-Ħamrun. Is-sur Horance Muscat ta' Santa Venera kien l-ewwel studjuż li għamel magħruf isem Maestro Gioacchino Micallef u kien mhux biss l-ewwel wieħed li niseġ versejn fil-programm tal-Għaqda Mużikali San Gejtanu iżda l-ewwel wieħed li tebba' disinn bil-lapes ta' wiċċ is-Surmast Direttur tagħna. [2]

Gioacchino Micallef twieled f'Bormla fis-7.00a.m. nhar is-27 t'April, 1876. Huwa kien iben Giovanni Micallef, negozjant ta' 36 sena mill-Isla u Marija, xebba Tabone, mara tad-dar ta' 30 sena minn Bormla. Huwa ngħata l-ismijiet ta' Gioacchino, Natale, Giuseppe u Lorenzo iżda ssemma' Gioacchino għal nannuh patern li kien mejjet. [3]. Huwa tgħallem l-arti tal-mużika sa minn ċkunitu u kien prodott tal-Banda King's Own tal-Belt Valletta li minnha ħarġu bosta diretturi mużikali ta' żmienu. [4]

Gioacchino kellu ftit iktar minn 15-il sena meta daħal boy fir-Royal Malta Artillery fit-30 t'April, 1892, u laħaq kurunettista tal-istess reġiment fl-1 ta' Ottubru tal-istess sena. Il-ħatriet tiegħu kienu immedjati tant li laħaq kanunier fl-1 ta' Frar 1895 u bombardier b'seħħ mill-1 ta'Mejju 1896. Huwa kien appuntat bandist fl-istess Artillerija fit-3 ta' Jannar, 1898. Huwa kien promos għall-grad ta' Kapural fl-1 ta' Mejju 1899. [5]. Huwa kiteb 'Fantasia per Coronetta' matul dan il-perjodu tiegħu ta' kurunettista mal-Royal Malta Artillery u li ġġib id-data tal-14 ta' Novembru 1897. [6].
Maestro Gioacchino Micallef ngħaqad fis-sagrament taż-żwieġ ma' Maria Carmela xebba Cassar fl-oratorju tas-Santissimu Sagrament

anness mal-knisja parrokkjali tal-Portu Salvu (San Duminku) quddiem Patri Ambrog Vella, O.P., Viċi-Kappillan, fit-9 ta' Marzu 1899. Missieru jingħad fl-att matrimonjali li kien ilu mejjet tmien snin u kien ħabbież. Huma kellhom xhud lil Antonio Lanzon u Giuseppe Maria Bonnici li kienu żewgt ġentlomi ta' dak iż-żmien. 7 .

Huma kellhom tmien ulied. 8.

Maestro Micallef baqa' javvanza fil-karriera militari u mużikali fil-ħajja matrimonjali tiegħu. Huwa kiseb il-kariga prestiġjuza ta' Surgent Kurunettista fis-17 ta' Settembru, 1902, bla dubju ta' xejn minħabba l-abiltajiet tiegħu fid-daqq tal-istrument. Huwa kien preċiżamnet ingaġġat mill-ġdid għal terminu ieħor ta' servizz, jiġifieri sas-sena 1913. 9. Huwa kien affezzjonament magħruf bħala 'Tan-Nażott' 10. iżda kien popolari ferm bħala s-Surmast tad-Drummers' fi ħdan ir-'Reġiment tal-Maltin'. 11.

Huwa ħa f'idejh it-tmexxija mużikali tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu fl-1907 ftit wara t-twaqqif tagħha. Għalhekk, huwa għadda wkoll għad-direzzjoni mill-qasam militari għal dak ċivili u soċjali, iżda għamel ftit xhur biss fil-kamp il-ġdid. Huwa ħejja l-banda tal-Għaqda għall-Professur Maestro Salvatore Abela Scolaro minkejja li huwa kellu jqatta' magħha ftit ġimgħat. Huwa fil-kapaċita' ta' Surmast Direttur tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu dderiġa programm mużikali li ttella' fi Pjazza San Pawl, il-Ħamrun, fil-5 ta' filgħaxija nhar id-29 ta' Diċembru 1907. 12

Naturalment Maestro Micallef kien iktar għal qalbu li jissokta bil-professjoni mużikali fi ħdan l-Artillerija Rjali. Huwa kien permess li jkompli fis-servizz għal iktar minn 21 sena fit-28 ta' Marzu 1913, u kien trasferit għall-kwartieri tar-Reġiment fl-1 ta' Ġunju 1913. Huwa ngħata għotja ta' għoxrin lira sterlina bħala war gratuity fil-31 ta' Ottubru 1919. 13.

Huwa kellu mill-ġdid l-isfida li jmexxi d-direzzjoni mużikali ta' banda ċivili, din id-darba tal-Għaqda Mużikali Sant'Elena li kienet għagħa kif twaqqfet, eżattament ftit wara li ntemmet l-Ewwel Gwerra jew 'il-Gwerra l-Kbira', huwa reġa' kellu ħajja qasira mal-Għaqda Mużikali Sant'Elena iżda allanqas huwa ħalla xi xogħlijiet fl-arkivju ta' din is-soċjeta'. Huwa kiteb mill-inqas żewġ marċi brijjużi, wieħed bin-Nru. 7, bla isem, li ndaqq għall-ewwel darba fl-1920, kif ukoll ieħor brijjuż bl-isem 'St. Elena Marcia' li jġib ukoll l-istess sena li kien maħruġ mill-ġdid fis-sena 200 bħala parti minn diska kumpatta li l-Għaqda ħarġet f'għeluq il-ħamsin sena mill-Bażilika ta' Sant'Elena. 14.
Maestro Micallef temm il-karriera tiegħu militari u mużikali fi ħdan ir-Royal Malta Artillery billi spiċċa t-tieni riklutaġġ tiegħu fil-31 ta' Jannar 1925, wara servizz ta' 33 sena, meta huwa kellu kwazi l-eta' ta' ħamsin sena. Huwa ngħata pensjoni li kien jirċievi mill-Command Pay Master. Huwa miet ta' 59 sena f'Nru. 104, Triq San Ġwann il-Battista, tas-Sliema, fl-4.30 ta' wara nofsinhar fl-24 ta' Marzu 1934. huwa ndifen fiċ-ċimiterju tal-Addolorata. Skont l-att tal-mewt, huwa kien ex-Drum Major fi ħdan ir-Royal Malta Artillrey. 15..

Copyright artiklu u ritratt Dr Raymond Mangion

1. L-awtur jiddedika din il-bijografifa lis-sinjura Dolly Mea, bint Maestro Giacchino Micallef, li kien sar jaf personalment meta kien jattendi għal lezzjonijiet tal-lingwa Germaniza għand ir-raġel tagħha John Mea fl-1981.
2. Ara Horance Muscat, 'Surmastrijiet Diretturi ta' ġieħ għall-Banda San Gejtanu Ħamrun' fi Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, Programm tal-Festa, 11 t'Awissu, 1996, pagna 233.
3. PRV, Date of Act Cospicua 4.5.1876; Date of Registration 6.5.1876; Births Progressive No. 1746/1876.
4. Il-Verita' – Giurnal Indipendent u Varju, No.4., 1.11.1913, paġna 2, colonna 2 u paġna 3, colonna 1, 'Il Musica u Il "King's Own Band ", strofa 9, poeżija ffirmata minn 'Socrate' li ġiet fit-tieni post f'konkors li tnieda mill-istess soċjeta' filarmonika fil-Belt Valletta.
5. NARM, RMA Records, Army Form B267, No. 1419, 3.4.1892.
6. Sfortunament, l-unika partitura li fadal minn din il-'Fantasia' hija dik tas-solo għall-kurunetta u li tinsab fl-arkivju tal-Għaqda Mużikali Sant' Elena.
7. PRV, Date of Act 13.5.1899; Marriages Progressive No.312/1899.

8. Ħajr lis-sur Arthur Ronald Pizzuto, qarib ta' Meastro Micallef.
9. NARM, RMA Records, Army Form B267, No.1419, 3.4.1892.
10. Skont il-mobki mużiċist is-sur Pawlu Arnaud, kif ukoll skond is-sur horance Muscat, huwa kien magħruf 'Tan-Nażott' minħabba l-għamla ta' mnieħru.
11. Il-Verita' – Giurnal Indipendent u Variu, No.4, 1.11.1913, paġna 2, Kolonna 2 u paġna 3, Kolonna1, 'il-Musica u l-King's Own Band', strofa 9, poeżija ffirmata minn 'Socrate' li ġiet fit-tieni post f'konkors li tnieda mill-istess soċjeta' filarmonika fil-Belt Valletta.
12. Daily Malta Chronicle 28.12.1907. paġna 3, colonna 3; u Malta, paġna 2, colonna 6. Il-programm kien jikkonsisti f'marċ bl-isem 'Annina' ta' Cina, fl-overture 'Morning, Noon and Night' ta' Suppe', selezzjoni minn 'I Lombardi' ta' Verdi, it-talba 'Alla Vergine' ta' Fringuelli, il-valz 'Ma Belle' ta' Belli, u fl-aħħarnett fid-daqq tal-'God Save the King'.
13. Il-Verita' – Giurnal Indipendent u Variu, No. 4., 1.11.1.1913, paġna 2, colonna 2, u paġna 3, kolonna1.
14. AGhSt.EB. Hajr lis-Sur Anthony Carbonaro, arkivist, li tani din l-informazzjoni.
15. PRV, Date of Act Sliema 11.4.1934; Date of Registration 23.4.1934; Deaths Progresive No.1337/1934; Vol.1201/1500 of 1934.